# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Brignone**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Joseph Brignone** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 471888M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-3 ta' Settembru 2015 għall-ħabta ta' 01:45 Fuq Verdala, f'Bormla :

(1) insulenta, inġurja jew hedded bil-kliem lil Ritianne, Nathan u Daniel Felice;

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

(3) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża lil Ritienne Felice li kienet ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuni oħra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tielet imputazzjoni ġiet kontestata ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet ukoll lil Ritienne Felice titlob lil Qorti sabiex teżentaha milli tixhed sabiex bl-ebda mod ma tinkrimina lilha nnifisha tenut kont tal-involviment tagħha fil-fatti li taw lok għal dan il-każ, nonche li kienet qegħda tirtira l-kwerela magħmula minnha u rrinunzjat għall-azzjoni kriminali li kienet mexxiet.

Semgħet lill-imputat jammetti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni inkluż wara li l-Qorti spjegatlu bl-aktar mod solenni u dettaljatament il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tiegħu u minkejja li tatu żmien biżżejjed sabiex jekk ried jirtirha, huwa tenna li kien ħati ta' dawn iż-żewġt imputazzjonijiet.

Rat li t-tielet imputazzjoni kontestata lilu kienet marbuta ma data, ħin u lok speċifiċi u għalhekk ma tipprovdix għall-possibilita' li l-allegat aġir tal-imputat jinkwadra ruħu f'"course of conduct" kif meħtieġ mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati għall-fini tal-integrazzjoni tar-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni.

## ***<u>Decide</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 251B tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni stante li hija karenti minn *course of conduct* skont il-Liġi u għalhekk mhux legalment sostenibbli, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm lok li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali minflok ma teroga piena, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena millum taħt penali t'elf euro, liema obbligazzjoni qegħda ssir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-ħati għal jeddijiet t'aċċess u komunikazzjoni ċivili bejnu l-parti civile Ritienne Felice fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-minuri Tenisha Felice u Faith Brignone.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 14 ta' Marzu 2016***

***Aaron M. Bugeja***